# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).**

Illum 22 ta' Novembru 2001.

I l-Pulizija

(Spettur Carlo Ellul)

vs

Carmel Magri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra Carmel Magri ta' 61 sena bin Joseph u Paolina nee Cutajar imwieled Hamrun u joqghod 'Rexdale', Triq Mikelangelo Sapiano, Luqa, karta ta' identita numru 07640404M, akkuzat talli fit-30 ta' Dicembru 2000 u fis-snin ta' qabel bhala d-detentur tal-fond 'Rexdale', Triq Mikelangelo Sapiano, Luqa jew bhala l-persuna li kellu f'idu l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkometta serq ta' kurrent ta' l-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm100 u anqas minn Lm1000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur;

2. Ghamel hsara jew kisser parti mill-'meter' ta' l-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista ta' l-elettriku jew is-sigilli taghhom, liema hsara tammonta ghal Lm25.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha u tigi deciza bi procedura sommarja mhux opposta mill-imputat;

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputat volontarjament u inkondizzjonatament ammetta l-akkuzi. Irrizulta mix-xhieda ta' Silvio Decelis, f'isem il-Korporazzjoni, li l-imputat hallas l-import kollu minnu dovut u rizultanti minn dawn il-proceduri.

Dwar piena, mehud in konsiderazzjoni l-ammissjoni f'dan l-istadju tal-proceduri, l-Qorti, waqt li tiddikjara l-imputat hati, tiddeciedi li fic-cirkostanzi ghandha tilliberah inkondizzjonatament bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 u dana wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 278, 279(b), 280, 325.

A.M. Trigona

Magistrat.

Niddikjara li ittraskrivejt fedelment u onestament ir-registrazzjoni tat-tape.

Albert Calleja

Dep. Registratur.